MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 253/2008

**A B, C D, E F u G D**

**-vs-**

**Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tat-30 ta' Gunju 2008 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw l-eredi mhux maghrufa tal-mejjet H sive I J;**

**Dr. Renzo Porsella-Flores u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li b'digriet tat-2 ta' Lulju 2008 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw l-eredi mhux maghrufa tal-mejjet K sive L M;**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B, C D, E F u G D fejn dawn, wara li ppremettew:

Illi fl-erbgha u ghoxrin ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija tnejn u erbghin (29.05.1942), omm ir-rikorrenti ossia N nee O zzewget ma’ I J;

Illi madwar seba’ snin wara d-data taz-zwieg, I u N konjugi J sseparaw de facto u eventwalment iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni;

Illi meta l-konjugi J sseparaw de facto, N J marret tghix flimkien ma’ L M fejn dawn baqghu jghixu flimkien sa meta L M miet fit-tlieta ta’ Marzu tas-sena elfejn u sebgha (03.03.2007), u l-istess N J kellha relazzjoni ma’ dan L M minn liema relazzjoni twieldu r-rikorrenti;

Illi A B twieldet fit-tnejn u ghoxrin ta’ Frar tas-sena elf disa’ mija u sittin (22.02.1960), C D twieldet fid-disgha ta’ Marzu tas-sena elf disa’ mija u wiehed u sittin (09.03.1961), E F twieldet fid-disgha u ghoxrin ta’ Marzu tas-sena elf disa’ mija u tnejn u sittin (29.03.1962) u G D twieldet fit-tnax ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija u erbgha u sittin (12.05.1964);

Illi stante l-fatt illi meta twieldu r-rikorrenti, ommhom kienet ghadha ai finijiet u effetti kollha tal-ligi legalment mizzewga ma’ I J, minkejja li dawn kienu ilhom li sseparaw de facto ghal diversi snin, ir-rikorrenti gew registrati bhala tfal ta’ I J;

Illi fl-att ta’ twelid tar-rikorrenti A B numru progressiv 1571/60 (vide dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. A), l-istess rikorrenti giet indikata bhala bint I J;

Illi fl-att ta’ twelid tar-rikorrenti C D numru progressiv 1985/61 (vide dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. B), l-istess rikorrenti giet indikata bhala bint I J;

Illi fl-att ta’ twelid tar-rikorrenti E F numru progressiv 2349/62 (vide dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. C), l-istess rikorrenti giet indikata bhala bint I J;

Illi fl-att ta' twelid tar-rikorrenti G D numru progressiv 2731/64 (vide dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. D), l-istess rikorrenti giet indikata bhala bint I J;

Illi hemm provi bizzejjed sabiex juru li omm ir-rikorrenti N nee O kienet ilha separata de facto minn ma' I J ghal zmien ferm izjed minn tlett mitt (300) gurnata qabel it-twelid tal-ewwel tarbija, u cioe' ir-rikorrenti A B, u f'dan iz-zmien N u I J ma zammew l-ebda kuntatt bejniethom;

Illi fil-fatt il-missier naturali tar-rikorrenti huwa l-intimat L M;

Illi A B, C D, E F u G D izzewgu fit-tlettax ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u erbgha u tmenin (13.10.1984) [numru progressiv 167/1996] (vide dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. E), fis-sebgha u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u tmenin (27.12.1980) [numru progressiv 2681/1980] (vide dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. F), erbgha ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tlieta u tmenin (04.03.1983) [numru progressiv 286/1983] (vide dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. G) u dsatax ta' Dicembru tas-sena elf' disa' mija sebgha tmenin (19.12.1987) [numru progressiv 2260/1987] (vide dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. H) rispettivament;

Illi I J miet fil-hamsa u ghoxrin ta' April tas-sena elfejn u tlieta (25.04.2003) [vide certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala Dok. I] u L M miet fit-tlieta ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (03.03.2007) [vide certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala Dok. J];

Illi permezz ta' testment in atti, in-Nutar Dr. Patricia Hall datat tnejn ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (02.07.2006) [vide dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. K], L M kien istitwixxa bhala eredi universali u patruni assoluti tal-gid kollu tieghu lil erba' uliedu naturali ossia, ir-rikorrenti.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

Tiddikjara illi l-mejjet L M huwa l-missier naturali tar-rikorrenti A B, C D, E F, u G D li twieldu fit-tnejn u ghoxrin ta' Frar tas-sena elf disa' mija u sittin (22.02.1960), fid-disgha ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u wiehed u sittin (09.03.1961), fid-disgha u ghoxrin ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tnejn u sittin (29.03.1962) u fit-tnax ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u erbgha u sittin (12.05.1964) rispettivament;

Tordna lil Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex isiru l-korrezzjonijiet fl-atti tat-twelid tar-rikorrenti, ossia fic-certifikati bin-numru progressiv 1571/60, 1985/61, 2349/62 u 2731/64 billi fit-taghrif dwar missier it-tarbija jigu kkancellati il-kliem 'I J' u d-dettalji relattivi kollha ta' I J, u jigu nseriti bhala dettalji ta' missier ir-rikorrenti il-kliem 'K sive L M' u d-dettalji relattivi kollha ta' L M u/jew kull korrezzjoni ohra skond il-ligi;

Tordna lil Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex isiru il-korrezzjonijiet fl-atti taz-zwieg tar-rikorrenti, ossia fic-certifikati bin-numru progressiv 167/1996, 2681/1980, 286/1983, 2260/1987 billi jigi kkancellat il-kunjom 'J' wara l-ismijiet tar-rikorrenti u minflok jigi inserit il-kunjom 'M' sabiex jirrifletti l-kunjom tal-missier naturali tar-rikorrenti, cioe' L M, u jigu kkancellati l-kliem 'I J' u d-dettalji relattivi kollha ta' I J bhala l-missier tar-rikorrenti u jigu nseriti bhala dettalji ta' missier ir-rikorrenti l-kliem 'K sive L M' u d-dettalji relattivi kollha ta' L M;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat id-digriet tat-3 ta' Lulju 2008, li permezz tieghu gew nominati Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici biex jirraprezentaw l-eredi mhux maghrufa ta' H sive I J.

Rat id-digriet tat-2 ta' Lulju 2008, li permezz tieghu gew nominati Dr. Renzo Porsella-Flores u l-Prokuratur Legali

Victor Bugeja biex jirraprezentaw l-eredi mhux maghrufa ta’ K sive L M.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament fil-mertu, l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-ewwel talba dedotta fir-rikors, l-esponent jixtieq jiccara li skond ir-records tieghu rregistrati fir-Registru Pubbliku l-isem tal-allegat missier naturali huwa K M  u mhux K sive L M.

Illi jehtieg li r-rikorrenti jispecifikaw d-dettalji personali kollha tal-allegat missier naturali K M, sabiex jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu, dawn id-dettalji jkunu jistghu jigu inseriti fil-kolonni rispettivi tal-Atti tal-Istat Civili relattivi. Inoltre, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu jehtieg li l-kliem “*the said*” jigu kancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji tal-omm fl-Atti tat-Twelid tar-rikorrenti li jgibu n-numru progressiv ta’ iskrizzjoni 1571/1960, 1985/1961, 2349/1962, u 2731/1964 rispettivament.

Illi fir-rigward tat-tielet talba tar-rikorrenti, l-esponenti jirrileva li l-ebda korrezzjoni ma tista’ ssir u lanqas m’hi mehtiega fuq l-Att taz-Zwieg li jgib in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni 167/1996 stante li dan l-Att huwa redatt fuq att ta’ zwieg  li l-original tieghu huwa registrat fl-Italja.

Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi fi kwalunkwe kaz, it-tibdil rikjest fl-Atti tal-Istat Civili mhux attribwibbli ghal xi nuqqas tal-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti.

Tant ghandu x’jissottometti l-esponent ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Dr. Renzo Porsella-Flores et noe fejn dawn qalu:

Illi huma ma jafu xejn bil-fatti li waslu ghall-kawza u jirrizervaw id-dritt li jressqu aktar eccezzjonijiet ‘il quddiem.

Illi fi kwalunkwe kaz huwa mixtieq li jkunu esebiti r-ricerki dwar id-Dok. K.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Dr. Martin Fenech u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici li ssottomettew:

Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u jirrizervaw li jipproducu risposta ulterjuri meta jkunu jafu l-fatti kollha.

Rat ir-rapport mahluf tal-ispizjara Dr. Marisa Cassar.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat l-affidavit kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza, ir-rikorrenti kollha adulti talbu lil din il-Qorti tiddikjara illi huma kollha ulied naturali ta’ K M li mieghu ommhom kellha relazzjoni li bdiet xi zmien fis-snin hamsin. Matul ir-relazzjoni, l-omm qatt ma kienet formalizzat is-separazzjoni minn ma’ zewgha u ghalhekk l-ulied naturali ta’ K M qatt ma kienu gew rikonoxxuti legalment bhala tali.

Ir-rikorrenti rnexxielhom jippruvaw ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li dak li qalu fir-rikors taghhom huwa minnu, dan partikolarment permezz tax-xhieda tal-ispizjara Cassar li esegwiet ezamijiet xjentifici li wasslu ghar-rizultat li r-rikorrenti huma kollha ulied naturali ta’ K M.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi K M huwa l-missier naturali ta' A B, C D, E F u G D.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex fl-Atti tat-Twelid Nru. 1571/60, 1985/61, 2349/62 u 2731/64 mill-kolonna bit-taghrif ta' missier it-tarbija jithassru isem u dettalji ta' I J u jitnizzel isem K sive L M, Nru. tal-Karta tal-Identita' omissis, bin P mwieled u residenti Zebbug, Malta. F'dawn l-atti, il-kliem "the said" ghandhom jigu kancellati mill-kolonna dwar dettalji tal-omm.

3. Tilqa' t-tielet talba limitatament ghall-atti taz-zwieg 2681/1980, 286/1983 u 2260/1987.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------